Problemi Ta' Llum
20/4 April 1980
XX/4

# IL-KOMUNIZMU U L-FAXXIZMU

RODERICK PACE

Nistgħu ngħidu li l-Komuniżmu u l-Faxxiżmu huma żewġ movimenti politiċi li twieldu dan is-seklu, għalkemm l-egħruq tagħhom jinsabu fis-seklu mqalleb ta' qabel. Ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li dawn iż-żewġ monstri kbar bejniethom kienu **l-aktar li nisslu qerda fl-umanità** kemm ilha wieqfa d-dinja.

Kulħadd jaf ukoll li l-Faxxisti u l-Komunisti jippożaw bħala l-egħdewwa eterni ta' xulxin. Naqraw fil-kotba kollha ta' l-istorja li ftit qabel u matul il-ħakma tagħhom, kemm in-Nażisti kif ukoll il-Faxxisti Taljani ippersegwitaw bis-sħiħ lill-Komunisti u s-Soċjalisti f'pajjiżhom. Fl-istess waqt is-Soċjalisti u l-Komunisti għamlu l-istess ħaġa kull fejn kisbu l-poter huma.

Illum ir-reġimi komunisti jippożaw bħala l-unika tarka li għandha l-umanità kontra l-faxxiżmu. Fl-istess waqt għal dawn in-nies kull min m'huwiex komunist huwa faxxist. Jiġifieri jista' wieħed jimmaġina x'valur lingwistiku għandha l-kelma "faxxista" li toħroġ minn ħalq il-komunisti.

Fil-verità m'hemm differenza xejn bejn il-komuniżmu u l-faxxiżmu għax fil-prattika huma l-istess. Għax x'inhu l-kejl li bih wieħed għandu jqis jekk moviment għamilx ġid jew inkella deni? M'huwiex ċertament il-kliem ideoloġiku imma r-riżultati aktar konkreti, f'kelma oħra x'wettaq fil-prattika. Il-qawwa ta' dawn il-movimenti f'kull qasam tal-ħajja tul dan is-seklu tidher mill-fatt li anki xi intellettwali ħadu fil-passat, u jibgħu jieħdu għal li ġej pożizzjonijiet favur jew kontra wieħed jew l-ieħor.

## Totalitarjaniżmu

Mela, bil-kejl ta' x'wettqu dawn iż-żewġ movimenti fil-prattika, naslu biex nikkonkludi li huma żewġ naħat ta' realtà jew żewġ fergħat ħerġin minn zokk wieħed. Il-faxxiżmu u l-komuniżmu huma żewġ ismijiet ta' l-istess ħaġa: **it-totalitarjaniżmu.** Ikun ferm aħjar jekk nibdew nirreferu għat-tnejn bħala l-faxxiżmu aħmar u l-faxxiżmu iswed. L-iswed huwa dak ta' nies bħal Hitler u Mussolini jew bħal ta'

xi waħda mill-ġunti li hemm jiggvernaw fil-pajjiżi ta' l-Amerika Latina. L-aħmar ikun l-isem tal-faxxiżmu kif insibuh ipprattikat fir-Russja u l-pajjiżi maħkuma minnha.

Biex nużaw dawn il-konnotazzjonijiet differenti jeħtieġ sogru kbir lingwistikament. Iżda dan is-sogru jeħtieġ li noħduh jekk irridu li l-moħħ tagħna neħilsuh mill-kliem li issa sar mingħajr tifsira u li hu biss kostruzzjoni purament propogandistika. Qed nirreferi bla dubju ta' xejn għall-kliem bħal faxxiżmu u komuniżmu. Biss din l-osservazzjoni tgħodd għal ħafna kliem ieħor li llum ġie svalutat mill-propagandisti tal-politiċi. It-terminoloġija ġdida li tuża l-"faxxiżmu aħmar u dak iswed" hija diffiċli ħafna għax waqt li qed tipprova taħrab minn konnotazzjonijiet żbaljati u ambigwi, qiegħda hi stess tipprova toħloq kliem ġdid fejn ma jkollhiex, u qed tissielet kontra l-limitazzjonijiet li jpoġġulha l-ammont żgħir ta' kliem li jibqa' għad-dispożizzjoni tagħha. Iżda t-terminoloġija indipendenti jeħtieġ li ssir għax hija wkoll ħaġa morali li l-bniedem jinħeles mill-konsegwenzi koroh li jimbtu mill-ambigwità u l-iskorettezzi lingwistiċi.

Ir-rivoluzzjoni tal- Bolxevisti tat bidu lill-faxxiżmu l-aħmar fil-għodwa ta' dan is-seklu. Iżda l-perijodu tat-tqala tiegħu kien fis-seklu ta' qabel. It-teorija tal-faxxiżmu l-aħmar nibtet eżattament mill-kitbiet ta' Karl Marx. Iżda ma nistgħux illum il-ġurnata (u qatt ma stajna niġu f'dan), ngħidu li Marx kien il-profeta tal-Bolxeviżmu. Fil-fatt il-qassis il-kbir ta' dan kien ħadd ħlief Lenin, li tul ħajtu ma ra qatt ix-xogħlijiet kollha ta' Marx imma ra biss xi ftit minnhom u xi kitbiet ta' sieħeb Marx (fil-ħbiberija biss mhux fil-moħħ) jismu Engels.

**Faxxiżmu Aħmar**

Il-**Faxxiżmu Aħmar** hu bbażat fuq interpretazzjoni ta' l-istorja. L-istorja timxi permezz ta' sensiela ta' lotot bejn l-oppressuri u l-oppressi. Dawn jinbtu kull seklu bħala riżultat ta' forzi ekonomiċi u tibdil fil-mezzi ta' produzzjoni. Il-progress ta' l-istorja b'dan il-mod jibqa' sejjer sakemm fl-aħħar tiġi soċjetà fejn kulħadd ikun ugwali. Din is-soċjetà tissejjaħ komunistà. Hekk jitkellem id-determiniżmu storiku tal-faxxiżmu l-aħmar. Il-faxxisti ħomor jgħidu u forsi anki jemmnu, li hija ħaġa li tinsab fil-loġika ta' l-istorja, jiġifieri li xejn ħlief hekk ma jista' jiġri, li huma jiddominaw id-dinja.

Ejjew mela ma nilludu ruħna qatt u naħsbu li b'xi taħditiet għal-limitazzjoni ta' l-armi strateġiċi (SALT) jew bid-dikjarazzjonijiet vojti li jagħmlu fin-Nazzjonijiet favur il-paċi, il-faxxisti ħomor ta' llum abbandunaw il-mira tagħhom li xi darba jiddominaw id-dinja.

**Faxxiżmu Iswed**

**Il-faxxiżmu l-iswed** twieled huwa wkoll f'dan is-seklu ta' taqlib. L-intellettwali li taw definizzjonijiet tiegħu qalu li dan nibet bħala l-antiteżi tal-komuniżmu. Dawn wkoll jitħaddtu dwar il-ġenesi tal-faxxiżmu minn forzi storiċi. Dawn ukoll igħidu li għandhom funzjoni storika bħala t-tarka naturali li tiddefendi d-dinja mid-dwiefer tal-faxxiżmu l-aħmar. Id-differenza mill-faxxisti l-ħomor insibuha fil-fatt li l-faxxisti s-suwed ma jemmnux bis-solidarjetà internazzjonali, dik l-iskuża infantili li biha jiskużaw ruħhom il-faxxisti ħomor kull darba li jwettqu att ta' aggressjoni kontra xi poplu. Biss il-faxxisti suwed ipoġġu l-interessi tan-nazzjon tagħhom qabel ta' kulħadd. B'hekk xorta fil-prattika jaslu biex jissoġġettaw pajjiż ieħor għalihom għax hekk biss jistgħu jpoġġu l-interessi ta' pajjiżhom qabel ta' l-oħrajn.

Kulħadd imbagħad qara dwar, jew ħass forsi anki b'idejh, kif il-faxxisti ħomor u dawk suwed meta kisbu jew aħjar serqu l-poter wettqu l-istess ħniżrijiet. It-tolleranza għebet mil-lejl għan-nhar, kull xorta ta' nies li setgħu kienu ta' xkiel ġew imwarrba; min maqtul, min mitfugħ il-ħabs. Il-qawwa ta' l-istat tant kibret li ma seta' jikkontrollaha ħadd. Il-mezzi ta' protesta u d-djalogu li huma l-bażi ta' sistema demokratika mhux biss ġew imwarrba imma mibdula f'oġġetti partiġjani li kienu aktar ta' ħsara. Il-lingwa politika ġiet svalutata biex b'hekk kliem bħal demokrazija, ġustizzja, libertà, imparzjalità u bosta kliem simili sar bla valur fil-prattika. Biex jara dan biżżejjed li wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn ir-reġimi tar-Russja u l-faxxisti ħomor kollha, ir-reġimi ta' l-Afrika u l-Amerika Latina, u dak li wettqu s-segwaċi ta' Hitler u Mussolini fl-Italja u l-Ġermanja.

Eluf ta' nies intbagħtu l-ħabs jew ġew maqruda mir-reġimi ħomor u suwed. Eluf ta' oħrajn jibqgħu jiġu sagrifikati ta' xejn fuq l-artal il-kbir ta' din il-marda kiefra li ħakmet id-dinja. Il-mira tal-faxxiżmu, jew l-oġġett li jrid jolqot u fil-fatt jolqot il-faxxiżmu, huwa

l-bniedem.

Hitler ivvendika ruħu mill-egħdewwa tiegħu. L-egħdewwa tiegħu tefgħuh f'qiegħ ta' qabar u tawh mewt mill-agħar. Imma Hitler ittrijonfa fuq l-egħdewwa tiegħu għax il-faxxiżmu llum qiegħed madwarna. Il-faxxiżmu jirrendi l-bniedem ftit aktar minn annimal. Il-faxxiżmu jagħmel il-bniedem servjent ta' l-istat. Il-bniedem ikun valutizzat biss skond il-funzjoni ekonomika tiegħu jiġifieri skond kemm ikun utli għall-istat. Hu għalhekk li l-faxxiżmu kapaċi joqtol tant nies bħalma għamel matul dan is-seklu, għax il-bniedem isir oġġett. Taħt il-faxxiżmu m'hemmx lok għall-ħsieb ħieles jew indipendenti, m'hemmx bżonn li taħseb għal xejn. Hemm l-istat li jaħseb għal kollox. M'hemmx lok għall-protesti. Kollox jimxi tajjeb. Kulħadd jimxi l-istess. M'hemmx għalhekk lok għal varjetà jew differenza. Fi kliem ieħor kulħadd ikun ugwali, imneżża' mill-ispiritwalità tiegħu.

## Is-Soluzzjoni

Is-sistema kapitalista m'hijiex is-soluzzjoni għall-faxxiżmu. Is-sistema kapitalista hi biss miraġġ li fih il-bnedmin jaħsbu li huma ħielsa meta fil-fatt ma jkunux. Is-sistema kapitalista hija fil-fatt ibbażata fuq duwaliżmu simili għad-duwaliżmu klassiku ta' ruħ u ġisem fejn l-enfasi kien isir fuq ir-ruħ u mhux fuq it-tnejn. Il-kapitaliżmu jgħid li hu bbażat fuq il-libertà ta' l-individwu. Imma din il-libertà fil-verità l-bniedem jakkwistaha biss għas-spejjes tal-bnedmin l-oħra. Għalhekk waqt li l-kapitaliżmu hu ibbażat fuq il-libertà kif igħidu l-missjunarji tiegħu, il-libertà teżisti biss għall-ftit u mhux għall-maġġoranza. Il-maġġoranza għandhom libertà, imma libertà fil-konfini taċ-ċirkostanzi li jkunu jgħixu fihom. Hija libertà limitata ħafna li ġeneralment jeżerċitawha biss f'waqtiet speċifiċi.

Il-kapitaliżmu jisvaluta l-ħajja umana u jaljena l-bniedam. Ineżżgħuh mill-ispiritwalità tiegħu xorta waħda. Il-bniedem fis-sistema kapitalista hu valutat skond il-funzjoni ekonomika tiegħu. Il-valuri tas-soċjetà kapitalista huma ibbażati fuq il-flus. Il-valur estetiku, il-mezzi ta' komunikazzjoni, il-moda, il-liġijiet li jirregolaw is-soċjetà, l-arti u dak kollu li tħares lejh, jekk ma jkunx ibbażat fuq il-kapital, jekk ma jkollux valur ta' flus, ikun influwenzat minnu.

Is-soluzzjoni tinsab fil-bniedem u fl-istess ħin lil hinn minnu. Is-soluzzjoni tinsab fil-

valuri tal-ħajja u li kull individwu għandu valur fih innifsu. Is-soluzzjoni m'hijiex fil-bniedem biss (materjaliżmu), imma fil-valuri li ġejjin minn Alla (barra minnu), dik ix-xiħaġa li teżisti u tagħti skop u sens lill-ħajja. Iżda s-soluzzjoni tinsab fil-bniedem wkoll li jrid jaċċetta l-valuri ibbażati fuq l-eżistenza ta' Alla u s-sens li dan jagħti lill-ħolqien kollu. Il-bniedem mhux qiegħed igħix fl-assurd iżda jinsab miexi lejn xi ħaġa li hi barra minnu. Fil-ħajja tal-bniedem hemm sens, hemm valur, u kull individwu għandu l-valur tiegħu.

Il-lotta għalhekk fid-dinja ta' llum m'hijiex waħda tal-klassijiet biss, imma waħda bejn forzi li jridu jisvalutaw il-ħajja tal-bniedem, ineżżgħuh mill-ispiritwalità tiegħu, u forzi li jridu jnisslu valuri fil-bniedem ibbażati fuq il-kunċett li din il-ħajja għandha valur, tagħmel sens għax dan il-valur jingħata lilha minn xi ħaġa li nsejħulha Alla. Il-ġlieda llum hi bejn il-faxxiżmu u dawk li jemmnu f'Alla. Għalina l-Kristjaniżmu hu t-tarka tagħna kontra l-faxxiżmu. Imma mhux il-Kristjaniżmu mejjet ta' l-istituzzjonijiet tal-bniedem. Hemm bżonn li anki r-reliġjon stabbilita nissoġġettawha għall-kritika. Hekk biss tista' tiġi ippurifikata. Hekk biss tista' ma tibqax f'ċerti okkażjonijiet isservi biss bħala l-oppju tal-poplu.

---

## ~~Kliem Sakharov~~

~~Is-suċċess tas-soċjaliżmu issa jiddependi minn kemm is-soċjaliżmu jista' jiġbed in-nies, jekk il-ġibda morali ta' l-ideat tas-soċjaliżmu u s-sebħ tax-xogħol, paragunata ma' l-ideat egoistiċi tal-proprjetà privata u s-sebħ tal-kapital, ikunux il-fatturi deċisivi li l-poplu jżomm quddiem għajnejh meta jqabbel is-soċjaliżmu u l-kapitaliżmu, jew jekk il-poplu jiftakarx l-aktar il-limitazzjonijiet tal-ħelsien intellettwali taħt is-soċjaliżmu jew, aktar agħar, ir-reġim faxxista tal-kult tal-personalità. . . . (p. 97)~~

~~Il-ħelsien intellettwali tas-soċjetà jgħin u jwitti t-triq għal din ix-xejra lejn il-paċenzja, il-flessibilità, u s-sigurtà mid-dogmatiżmu, il-biża' u l-avventuriżmu. . . . (p. 106)~~

~~*minn "The Basis for Hope: Peaceful Competition"*~~
~~*fil-ktieb SAKHAROV SPEAKS*, 1974~~